# Lapsi 2018





# Ir-Rikors għall-Istatwa ta' San Ġiljan u l-Ġrajjiet Marbuta Miegħu

***Kan. Dr Jonathan Farrugia***
S.Th.D. (Inst. Patr. Aug. Romae)

Madwar sena ilu, ftit xhur qabel il-festa ta' San Ġiljan, waqt li kont qiegħed l-Arkivju tal-Kurja nfittex numru ta' rikorsi għal proġett ieħor, f'waħda mill-paġni tal-volum 112 tas-suppliki laqtuli ħarsti l-kelmiet "*Santo Titolare*". Peress li f'Malta n-numru ta' parroċċi ddedikati lill-qaddisin irġiel huwa limitat ħafna qrajt ir-rikors fuq fuq biex nara għal liema qaddis kien qed jirreferi u hemm sibt li quddiemi kelli dokument li s'issa għadu qatt ma ġie ppubblikat: ir-rikors għall-vara ta' San Ġiljan għall-parroċċa li ġġib ismu.

Mill-ewwel ġieni l-ħsieb li nikteb xi ħaġa dwar dan f'din il-pubblikazzjoni, peress li hija waħda li għandha wisq għal qalbha l-istorja ta' dan il-lokal. Għaldaqstant kellimt lill-W.R. Kappillan u lis-Sur Niki Papagiorcopulo b'din l-iskoperta u qbilna li dan għandu joħroġ fil-ktieb tal-festa tal-2018, meta l-parroċċa qiegħda tiċċelebra l-125 mill-miġja ta' din l-istatwa artistika u maħbuba.

**Il-kontenut tar-rikors**
Id-dokument fih biss żewġ paġni u sfortunatament ma jagħtix ħafna dettalji. Apparti l-formalitajiet tas-soltu r-rikors fih biss żewġ punti. Fl-ewwel punt il-Kappillan Dun Ġużepp Xerri jsemmi li persuna devota tal-qaddis titulari tar-raħal ordnat statwa tal-qaddis li kienet se tħallas hi bil-ħsieb li tirregalaha lill-parroċċa. It-tieni punt iwassal it-talba tal-kappillan biex ikun jista' jaċċetta din id-donazzjoni. Il-kappillan ħaseb li l-aħjar ħaġa tkun li tinġieb l-awtorizzazzjoni mill-Isqof għal din l-għotja sabiex ma jinqalgħux problemi.

Fl-aħħar insibu nota li din it-talba ġiet preżentata fil-Kurja nhar l-24 ta' Ottubru 1892, imbagħad nota miktuba fil-ġenb fl-ewwel paġna tinfurmana li l-għada stess il-permess ingħata mill-Isqof. Hemm miktub li dan ħareġ mill-Palazz Veskovili li jinsab fil-Belt.




**Xi dettalji u nuqqas ta' oħrajn mir-rikors**
L-ewwel kurżità li tista' tiġbed l-attenzjoni tagħna hija l-mod kif jissejjaħ

l-Isqof. Dik is-sena l-Isqof ta' Malta kien Mons. Pietru Pace, li ismu ma jissemma' mkien f'dan ir-rikors. Hawn naqraw biss "*A sua Eccellenza Reverendissima Monsignor Arcivescovo Vescovo di Malta*". Ġeneralment l-isem tal-individwu kien jitpoġġa wara l-kelma *Monsignor*. Hawn għal xi raġuni tħalla barra. Ma nimmaġinax li l-kappillan li kiteb ir-rikors ma kienx jaf isem l-Isqof! Wara kollox dan kien l-istess wieħed li sena qabel kien għolla lil San Ġiljan minn viċi-parroċċa għall-parroċċa.

Ta' min nagħmlu wkoll kjarfika żgħira għalfejn l-Isqof hawn – kif ukoll fir-rikorsi kollha sal-1944 – jingħata titlu doppju "*Arcivescovo Vescovo*". Malta saret Arċidjoċesi Metropolita fl-1944 grazzi għall-ħidma ta' Mons. Mikiel Gonzi. Sa dik is-sena t-titlu uffiċjali tar-ragħaj tad-Djoċesi kien "*Episcopus*/*Vescovo*/Isqof". Mill-1944 'il hawn it-titlu uffiċjali nbidel għal "*Archiepiscopus*/*Arcivescovo*/Arċisqof". Iżda sa dak iż-żmien, mill-1847 meta ħa t-tmun tal-Knisja f'Malta f'idejh l-Isqof Publio Maria Dei Conti Sant, l-Isqof ta' Malta beda jkollu wkoll l-onorifiċenza ta' Arċisqof titulari ta' Rhodi. Din il-belt antika, bħal ħafna oħrajn, waqfet milli tkun arċidjoċesi minħabba n-numru ta' Nsara ċkien wisq u ngħaqdet ma' waħda mid-djoċesijiet tal-Greċja. It-titlu onorifiku, iżda, baqa' hemm u minn dik is-sena beda jingħata lill-Isqof ta' Malta u baqa' għal kważi mitt sena sakemm Malta saret Arċidjoċesi.


108

A sua Eccellenza Reverendissima
Monsignor Arcivescovo Vescovo di Malta

L'Umile Vicario del
Sacerdote Don Giuseppe Sciri
Parroco del Villaggio
San Giuliano

Espone Riverentemente

Che una persona devota del
Santo Titolare di questa Parrocchia ha
divisato di far fare a sue spese
Una statua dello stesso Santo per
indi donarla alla Chiesa Parrocchiale

Che la stessa persona ha pre-
gato l'esponente di accettare a
nome della Chiesa l'offerta suddetta
al che non vi sarebbe veruna difficoltà
avuta bene l'autorizzazione dell'Eccellenza
Sua

(163)


Sua Reverendissima che il
ricorrente pertanto implora all'effetto
di poter soddisfare il pio desiderio
dell'oblatore.

E della Grazia.

Presentato dal Ch.co Giuliano Zammit
oggi 24 Ottobre 1892 –

***Ir-rikors għall-vara ta' San Ġiljan għall-parroċċa li ġġib ismu, ippreżentat lill-Kurja Veskovili mill-Kjeriku Ġiljan Zammit nhar l-24 ta' Ottubru 1892.***

Punt interessanti ieħor hu kif l-interess għal statwa titulari donnu nibet mill-ewwel, sena biss wara li San Ġijan sar parroċċa. Dan ma kienx il-każ ta' ħafna parroċċi oħra li spiss kellhom jistennew ħafna snin biex ikollhom l-istatwa tal-patrun tagħhom. Milli nistgħu nifhmu l-ħidma tal-ewwel kappillan Dun Ġużepp Xerri kienet indispensabbli biex din ix-xewqa nibtet u saret realtà fi żmien daqshekk qasir. Li hu kien imdaħħal fil-ħsieb ta' din id-donazzjoni joħroġ ċar mill-fatt li Dun Ġużepp huwa wkoll wieħed mill-firmatarji tal-kuntratt[1] li sar ħamest ijiem **qabel** dan ir-rikors.

Jinħass ħafna n-nuqqas ta' dettalji importanti f'dan id-dokument, bħalma huma isem il-benefattur u isem l-artist li kellu jagħmel l-istatwa. B'xorti tajba dawn jinsabu fil-kuntratt li sar quddiem in-nutar Michele Luigi Casolani. Meta mqabbel ma' rikorsi oħra għall-manifattura ta' statwi dan in-nuqqas jispikka xi ftit għax ġeneralment xi ħadd minn dawn jissemma, u s-soltu dak li jissemma jkun il-benefattur[2].

Interessanti wkoll huwa l-mod kif il-kappillan jirreferi għall-qaddis li tiegħu din l-istatwa li kellha ssir: Xerri jsejjaħlu "*Santo Titolare di questa Parrocchia*". L-isem ta' San Ġiljan jissemma biss fl-ewwel parti fejn il-kappillan jgħid li hu "*Parroco del Villaggio San Giuliano*". Tajjeb infakkru li l-knisja l-antika sa mill-bidu tal-eżistenza tagħha lejn is-sena 1590 kienet iddedikata lil San Ġiljan u kien grazzi għaliha li r-raħal li żviluppa madwarha ħa isem il-qaddis. Iżda, għal xi snin (1855-1894) il-knisja nbidlilha t-titular minn dak l-antik ta' San Ġiljan għal dak ta' Antonio Falzon li juri lill-Madonna Assunta b'San Ġiljan u San Pawl għarkupptejhom taħtha. Dan ma jfissirx li ma baqax jitqies bħala l-patrun tal-lokal, imma donnu ma kienx jitqies bħala t-titular u l-patrun tal-knisja dment li l-kwadru titulari kien tal-Assunta. Fil-fatt fid-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa fl-1891, imkien ma tissemma l-knisja ta' San Ġiljan li kellha ssir knisja parrokkjali, imma b'ħafna kawtela l-Isqof Pace jgħid "*con Nostro Decreto del dì 1o del corrente abbiamo dismembrato dalla giurisdizione di cassa Parrocchiale [di Birchircara]* ***il predetto territorio di S. Giuliano, erigendolo in nuovo e distinta Parrocchia sotto lo stesso titolo****…*" għalhekk it-**territorju** ta' San Ġiljan sar parroċċa, u l-patrun kien San Ġiljan, imma l-knisja ma tissemhiex speċifikament. Forsi għalhekk Xerri jirreferi għall-qaddis bħala "*titolare di questa parrocchia*" u mhux "*titolare della chiesa*" jew "*santo patrono*", għax il-qaddis kellu l-isem tat-territorju li kien għadu kemm sar parroċċa, imma mhux eżattament tal-knisja parrokkjali. Ir-rieda li San Ġiljan ikun titular u patrun bla riservi tidher ukoll fil-fatt li sena wara l-miġja tal-istatwa,



***Il-Kjeriku Ġiljan Zammit, li ppreżenta r-rikors lill-Kurja Veskovili għan-nom tal-Kappillan Xerri. Sena wara, Dun Ġiljan Zammit ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Pietru Pace (23.12.1893), u aktar tard sar it-tieni Kappillan ta' San Ġiljan (1897).***

il-kwadru titulari l-antik ġie restawrat u tkabbar u reġa' ħa postu wara l-artal maġġur tal-knisja.

Ir-rikors jagħti wkoll l-impressjoni li l-kappillan ma xtaqx li jieħu deċiżjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-isqof, għalhekk jitlob li jkun jista' jilqa' l-offerta tal-persuna li ordnat l-istatwa. L-idea li nieħdu mal-ewwel daqqa t'għajn hija li l-inizjattiva kienet tal-benefattur u Xerri kien qed jimxi bil-kawtela qabel jaċċetta.

Kurżità oħra hi li dan twassal il-Kurja mill-Kjeriku Ġiljan Zammit u mhux mill-kappillan innifsu, bħalma s-soltu jsir.

L-aħħar punt li nistgħu noħorġu tirrigwarda n-noti miżjuda li nsibu f'dan ir-rikors. L-ewwel waħda fiha d-data meta dan ġie ppreżentat – l-24 ta' Ottubru 1892 – u l-oħra d-data ta' meta l-Isqof ta l-permess mixtieq – il-25 ta' Ottubru 1892. Li huwa kurjuż hu li s-soltu jkun hemm il-firma tal-kanċillier tal-Kurja mad-data ta' meta r-rikors ġie ppreżentat, imma f'dan il-każ ma hemm xejn. Kultant ukoll ma kienx ikun l-Isqof li jiffirma l-għoti tal-permess imma l-vigarju tiegħu. F'dan il-każ naraw il-firma b'żewġ 'P', li hija dik qasira tal-Isqof innifsu. Ir-rikors jidher li f'24 siegħa mar mill-Kurja tal-Furjana sal-Palazz tal-Isqof fil-Belt Valletta fejn dan qrah u ffirmah.


Il-Kappillan Dun Ġużepp Xerri D.D., il-moħħ wara l-kummissjoni tal-Vara Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier.

**Dettalji mill-kuntratt li jikkumplimentaw l-istampa**

Il-kuntratt għall-vara ġie ppubblikat fil-ktieb *San Ġiljan. Mitt sena parroċċa 1891-1991* għalhekk mhux il-każ li hawn nidħlu f'wisq dettalji dwaru. Il-punti li se nagħtuhom daqqa t'għajn huma dawk li b'xi mod jagħtu stampa aktar ċara lil dan ir-rikors li qed nippubblikaw hawn.

L-ewwel punt jirrigwarda d-data ta' meta sar il-kuntratt: 19 ta' Ottubru 1892, jiġifieri ħamest ijiem qabel ma sar ir-rikors. Fost l-ismijiet tan-nies li marru jagħmlu l-kuntratt li jagħti n-nutar jissemma l-Kappillan Xerri. Dan jikkonferma dak li għedt ftit qabel li l-kappillan kellu sehem importanti fil-manifattura ta' din l-istatwa u ma kienx biss attur passiv bħalma jista' jagħti l-impressjoni r-rikors. Li kieku kien hekk u l-inizjattiva kienet biss tal-benefattur ma kienx ikun hemm bżonn li hu jkun preżenti għall-kuntratt li sar bejn min se jħallas u min se jagħmel ix-xogħol.

Hawn insibu l-ismijiet taż-żewġ persunaġġi importanti li r-rikors ma jsemmix: il-benefattur Salvatore Mattei msejjaħ "*benestante*" u l-istatwarju Karlu Darmanin. Fir-rikors

Mattei huwa deskritt bħala "*una persona devota del Santo Titolare di questa Parrocchia*"; hawn naqraw li kien mill-Belt u residenti fil-Belt. Ir-rabta li kellu ma' San Ġiljan tidher fl-aħħar paragrafu fejn naqraw li l-kuntratt sar "*nella casa di villeggiatura del Signor Mattei posta in San Giuliano Strada Reale numero trenta sei*". Mela Mattei kien wieħed minn dawk il-Maltin għonja li matul is-sena kienu joqogħdu f'darhom, imbagħad fis-sajf imorru għall-villeġġjatura f'San Ġiljan. Nammetti li nsibha diffiċli nifhem kif persuna mill-Belt setgħet kienet devota ta' qaddis li l-għarfien dwaru huwa limitat għal-lokalità li ġġib ismu u għall-kappella waħda oħra f'Malta[3]. Aktar naħseb li matul ix-xhur tas-sajf tas-sena 1892, l-ewwel sajf tal-parroċċa, il-kappillan ħajru jidħol għall-ispiża tal-istatwa titulari peress li kellu l-mezzi.

L-għażla ta' Darmanin ma fihiex wisq x'tifhem: hu kien l-istatwarju fil-kartapesta per eċċellenza f'dawk is-snin; min ried statwa sabiħa kellu jmur għand Darmanin u għand ħadd aktar. X'kuntatt seta' kellu Darmanin ma' Xerri jew ma' Mattei mhux magħruf. Nimmaġina li ħa pjaċir b'din il-kummissjoni peress li d-dar li fiha kien jgħix f'Senglea qabel ma żżewweġ u mar joqgħod il-Ħamrun kienet tefgħa ta' ġebla bogħod mill-knisja ta' San Ġiljan li nsibu f'dik il-belt, u għalhekk żgur li kien midħla tagħha, speċjalment għal-lezzjonijiet tal-katekiżmu li kienu jsiru fiha lit-tfal qabel infetaħ iċ-ċentru tal-Museum.


Dettall mill-abbozz/mudell għall-istatwa titulari ta' San Ġiljan li Carlo Darmanin ħejja fl-1892.

Il-kuntratt jgħidilna li l-għażla ta' Darmanin kienet miftehma bejn Mattei u Xerri – prova oħra tar-rwol li kellu l-kappillan f'dan kollu. Apparti minn hekk jissemma wkoll li l-istatwa kellha ssir "*a tenore del modello già preparato*", jiġifieri meta sar il-kuntratt l-abbozz ta' din l-istatwa kien ġa sar. Dan huwa dik l-istatwetta tal-qaddis li tinsab f'waħda mill-vetrini fil-knisja parrokkjali l-antika u li huwa ffirmat minn Darmanin stess. La l-abbozz kien ġa lest, ifisser li l-ħsieb, id-diskussjonijiet u x-xogħol fuq dan il-proġett kien ġa ilu ftit li beda.

Diskrepanza żgħira, imma importanti, bejn il-kuntratt u r-rikors toħroġ rigward x'kien eżattament dak li ried jagħti Mattei. Ir-rikors jgħid li Mattei informa lill-kappillan li kien ordna statwa bil-ħsieb li jirregalaha lill-knisja; il-kuntratt mill-banda l-oħra jgħid li Mattei kien offra lill-knisja parrokkjali **l-flus** biex takkwista statwa tal-qaddis. Għal darb'oħra dan isaħħaħ l-ipoteżi li l-moħħ wara din il-kummissjoni kien il-kappillan u mhux Mattei nnifsu kif jagħti l-impressjoni r-rikors. Il-knisja riedet statwa u għalhekk kellu jinstab min iħallasha, u l-kappillan sab benestant li kien imur villeġġjatura hemm fix-xhur tas-sajf u kkonvinċih jagħtih il-flus meħtieġa. Jekk l-ammont kien magħruf, ifisser li l-istatwarju ġa kien ta l-istima tiegħu, mela jista' jkun li Xerri kien ġa kellem lil Darmanin qabel u talab l-ammot (£26) lil Mattei. Possibbiltà oħra hi li Xerri kellem lil Mattei biex iħallas l-istatwa u mbagħad marru flimkien ikellmu lil Darmanin li tahom l-istima u Mattei aċċetta.

Xi dettalji oħra dwar l-istatwa li joħorġu mill-kuntratt huma li Darmanin kellu jimxi mal-istruzzjonijiet li jtih xi ħadd li jifhem imqabbad minn Xerri u Mattei, li kellha tkun twila sitt piedi u li l-għażla tal-kuluri u tal-induratura kellha tkun mill-ifejn. Mid-dettalji li hemm nifhmu li l-induratur ma kienx Darmanin innifsu, imma xi ħaddieħor li kellu jkun imqabbad minn Xerri u Mattei. Hija ħasra li dan mhux magħruf.

L-aħħar punt fil-kuntratt jgħid li Darmanin kellu jitħallas minn Mattei meta l-istatwa tkun lesta minn kollox, tingħoġob u tingħata lill-kappillan sal-1 ta' Awwissu 1893.

**It-13 ta' Awwissu 1893**

L-istatwa ta' San Ġiljan iddaħħlet fil-knisja parrokkjali l-antika nhar it-13 ta' Awwissu, jiġifieri 13-il jum tard skont l-indikazzjonijiet fil-kuntratt. Din ma jidhirx li kienet xi ħaġa mhux tas-soltu[4]; għandi nifhem li l-kappillani kienu jagħtu dati pjuttosti kmieni biex ikun spazju għal naqra tratteniment f'każ ta' bżonn u jevitaw li tasal il-festa u l-istatwa ma tkunx hemm. Il-festa dik is-sena ħabtet fis-27 ta' Awwissu, għalhekk l-istatwa waslet kmieni biżżejjed.

Insibu żewġ noti fil-ġurnal *La Gazzetta di Malta* li jagħtu xi ħjiel dwar l-istatwa qabel ma din ittieħdet fil-knisja[5]. L-ewwel nota ġejja minn tlett ijiem wara li sar il-kuntratt, jumejn qabel ma sar ir-rikors. F'dan l-avviż iddatat 22 ta' Ottubru 1892 jingħad li sar magħruf bi pjaċir kbir li s-Sur Mattei, villeġġjant għal ħafna snin f'San Ġiljan, ħareġ bl-idea li jirregala statwa lill-knisja ta' dak ir-raħal u li din kellha tinħadem mill-aħwa Darmanin. L-artikolista jkompli jgħid li dan l-att ta' min ifaħħru jixhed ir-rabta li kellu għal ħafna snin Mattei ma' dan ir-raħal u li dawk kollha li jgħixu fir-raħal se jkunu grati ħafna lejh.



***Ritratt ieħor tal-vara titulari meħud fl-aħħar tas-Seklu XIX, hekk kif ħarġet minn idejn Carlo Darmanin, u bl-ewwel induratura tagħha. Differenza li mill-ewwel tolqot l-għajn tinsab fil-lewn tal-kurazza u tad-dublett. Dan tal-aħħar kien abjad.***

Ninnutaw li hawn il-kappillan ma ssemma mkien. Li hu żgur hu li b'dan l-avviż l-awtoritajiet tal-Kurja saru jafu li kien hemm statwa qed tinħadem għal din il-parroċċa l-ġdida, u jista' jkun għalhekk li l-kappillan ħass li kellu jagħmel ir-rikors (jew forsi ġie mġiegħel minn ta' fuqu…?) biex ma jinqalgħux problemi 'l quddiem, bħalma jgħid hu stess fit-tieni punt tar-rikors. Dan forsi jispjega wkoll għala ma ħadux hu l-Kurja, imma bagħatu mal-Kjeriku

Zammit. Ninnutaw li n-nota fil-ġurnal taqbel mal-verżjoni kif preżentata fir-rikors, għalhekk naħseb li l-kappillan fehem li kien jaqbillu jżomm ma' kif inkiteb fil-gazzetta ħalli ma jidhirx daqshekk l-irwol attiv tiegħu.

It-tieni aħbar ġejja mis-27 ta' Lulju 1893, ftit ġranet qabel ma l-istatwa ttieħdet f'postha. Minn dan nifhmu li kienet lesta u li kienet aċċessibbli għan-nies biex jarawha. L-awtur anonimu jitkellem dwar il-preġji ta' din l-istatwa, l-aqwa fosthom għax hija "*invece di preoccupare il senso colle seduzioni d'una bellezza profana [indirizza i sensi] ad un sentimento religioso*". Jgħid ukoll li huwa akkwist kbir mhux biss għall-parroċċa imma wkoll għall-kult kattoliku ta' Malta meta l-arti toffri oġġetti ta' venerazzjoni li jirrappreżentaw mudelli ta' virtù nisranija.

Notevoli ħafna wkoll f'din in-nota huwa l-apprezzament li jagħmel l-awtur tal-ħarsa fuq wiċċ il-qaddis: jgħid li fiha tinġabar l-istorja traġika kollha ta' delitti u sagrifiċċji li hu kellu jgħaddi minnha wara li ltaqa' maċ-ċerv li hemm taħtu. Għal darb'oħra jfaħħar lill-artist li għamilha u jgħid kemm huwa sewwa meta artist bħal Darmanin jitħalla joħroġ il-kunċett kif iħoss hu l-aħjar bla indħil ta' kif għandu jaħdem. Dan jikkuntrasta ma' dak li hemm fil-kuntratt fejn jingħad li kellu jsegwi l-istruzzjonijiet li kellu jagħtih xi ħadd kompetenti mqabbad mill-kappillan u mill-benefattur.

Il-Kappillan Xerri jissemma fl-aħħar ta' din in-nota fejn jiġi mfaħħar bħala kappillan li ħadd ma jista' jixxebbah miegħu; jingħad li ta sehemu għall-eżekuzzjoni ta' din l-istatwa l-istess kif dejjem ħadem bis-sħiħ biex jagħti lill-parroċċa ġdida imma fqira tiegħu dak kollu li kien meħtieġ għall-kult. Għal darb'oħra din nistgħu neħduha bħala prova li l-ħsieb wara dan kollu kien il-kappillan innifsu, li kien konxju ta x'kien jonqosha l-parroċċa l-ġdida u kien determinat li dak li kien nieqes b'xi mod jew ieħor kellu jasal.

Il-ġurnal *L'Ordine* jagħtina mbagħad ftit dettalji dwar il-miġja tal-istatwa fil-knisja nhar it-13 ta' Awwissu 1893. In-nota ġejja mill-ħarġa tal-għada. Fiha naqraw li din iddaħħlet fil-knisja meta kien ġa sar ħafna ħin, fost l-entużjażmu tal-abitanti tar-raħal. Iċ-ċelebrazzjoni tissejjaħ '*festa*' biex tixhed il-ferħ li kien hemm fl-arja. Fil-kitba jiġu rringrazzjati l-istatwarju magħruf għall-ġmiel ta' xogħlu, u l-benefattur li rregala din l-istatwa. Imbagħad hemm nota li l-festa kienet se ssir fis-27 ta' Awwissu u li għaliha kien qed jaħdem bis-sħiħ id-Djaknu Ġiljan Zammit – dan huwa l-istess kjeriku li kien wassal ir-rikors fil-Kurja – jidher li bejn Ottubru u Awwissu ġie ordnat djaknu. Fl-aħħar nett insibu għal darb'oħra eloġju għall-kappillan u anke d-dettall importanti li l-istatwa ġiet imbierka mill-vigarju ġenerali tal-Isqof.

**Għeluq**

Il-ġrajja tal-istatwa titulari ta' San Ġiljan naturalment ma waqfitx mal-wasla tagħha fil-knisja parrokkjali l-antika. Meta tlestliet il-knisja l-ġdida din ġiet traslata solennement mill-knisja l-qadima u ħadet postha fil-ġdida. Naturalment ma naqsux l-okkażjonijiet straordinarji meta l-istatwa reġgħet lura lejn l-ewwel dar tagħha, fosthom fiċ-ċentinarju tal-parroċċa fl-1991 u meta l-istatwa għalqet 120 sena fl-2013. Barra minn hekk l-imħabba lejn din ix-xbieha tidher fin-numru ta' restawri u interventi ta' induratura li saru fuqha

tul is-snin. L-anniversarju ta' din is-sena qiegħed jgħaqqad flimkien dawn iż-żewġ punti għax l-istatwa għadha kemm ġiet restawrata b'mod mill-aqwa mill-kumpanija *Atelier del Restauro* u se tkun inawgurata proprju nhar it-13 ta' Awwissu fil-knisja parrokkjali l-antika fejn kienet daħlet 125 sena ilu.

**Appendiċi**

**Traskrizzjoni tar-rikors għall-vara ta' San Ġiljan**
**Ref Supp. 1892/III vol.112 f. 108**

A Sua Eccellenza Reverendissima
Monsignor Arcivescovo Vescovo di Malta

L'umile Ricorso del
sacerdote Don Giuseppe Xerri
Parroco del Villaggio
San Giuliano

Espone Riverentemente

che una persona devota del Santo Titolare di questa Parrocchia ha avvisato di far fare a sue spese una statua dello stesso Santo per indi donarla alla Chiesa Parrochiale;

che la stessa persona ha pregato l'esponente di accettare a nome della Chiesa l'offerta suddetta al che non vi sarebbe veruna difficoltà avuta bensì l'autorizzazione dell'Eccellenza Sua Reverendissima che il ricevente pertanto implora all'oggetto di poter soddisfare il pio desiderio dell'oblatore.

E della Grazia

Presentato dal Ch.co Giuliano Zammit
oggi 24 ottobre 1892

Fiat
Datum in Palatio episcopalis
Valletta die 25 octobris 1892
P.P. Arch. epu.s

**Traduzzjoni**

Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima
Monsinjur Arċisqof Isqof ta' Malta

Rikors umli tas-
saċerdot Dun Ġużepp Xerri
Kappillan tar-raħal
San Ġiljan

Jesponi bil-qima

illi persuna devota tal-Qaddis titulari ta' din il-Parroċċa tatni l-aħbar li ordnat statwa a spejjeż tagħha tal-istess Qaddis biex imbagħad tirregalaha lill-Knisja Parrokkjali;

illi l-istess persuna talbet lili sabiex naċċetta f'isem il-Knisja l-għotja hawn fuq imsemmija li għaliha ma għandu jkun hemm ebda diffikultà jekk jingħata l-permess mill-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima li jien hawn qiegħed nitlob bil-qima kollha sabiex isir skont ix-xewqa tad-donatur.

Nitlob il-barka tiegħek

Preżentat mill-Kjeriku Ġiljan Zammit
illum 24 ta' Ottubru 1892

Jista' jsir.
Mogħti fil-Palazz tal-Isqof
Valletta, illum 25 ta' Ottubru 1892
P.P. Arċisqof Isqof

**Referenzi**

1 Arkivju Notarili, Not. Michele Luigi Casolani, Ms 679/17 No. 36 (19-10-1892), 444-448.

2 Każ partikulari huwa r-rikors biex issir l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fiż-Żurrieq, li kelli x-xorti nippubblika sena ilu. Din l-istatwa ukoll saret minn Karlu Darmanin, li fir-rikors ma jissemmiex, iżda l-benefattur Michelangelo Camilleri jissemma.

3 Qed nirreferi għall-kappella antika ta' San Ġiljan li tinsab fil-Belt Senglea, li minn dejjem kienet popolari ħafna mas-Sengleani, iżda milli jidher mhux daqstant minħabba l-patrun tagħha milli għall-fatt li hija l-aktar knisja ċentrali li hemm fil-belt.

4 Każ simili hi l-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba, li skont il-kuntratt kellha tasal l-Imqabba sal-aħħar ta' Lulju 1836 imma waslet fl-14 ta' Awwissu. Iż-Żurrieq damu jistennew 15-il sena!

5 Ħajr lis-Sur Niki Papagiorcopulo talli għaddieli dawn is-siltiet, flimkien ma' silta oħra mill-ġurnal *L'Ordine*.